Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Neil Harrison)

vs

George Spacey

Illum 2 ta' Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmija imputat George Spacey, iben Denis u Violet nee' Gatt, imwieled Pieta u ghandu karta tal-identita 500366 M, li permezz taghhom gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Jannar, 2001 u fl-ahhar granet qabel dina d-data :

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) talli ukoll sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fis-27 ta' Settembru, 1993;

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali sabiex l-imputat fuq imsemmi bis-sahha tas-Subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordninanza;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana meta kienu qed isirulu d-domandi skond l-Artikoli 370 (4), 39(1) u 392 tal-Kodici Kriminali waqt is-seduta tat-23 ta' Frar, 2001;

Tara u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana wara illi rat l-Artikoli 8(a) tal-Kap.101

kif ukoll l-Artikoli 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ghal dak illi jirrigwarda l-piena il-fatt illi kif xehed Karm Borg, rapprezentant tal-Caritas l-imputat fuq imsemmi bhalissa qieghed jattendi l-Harm Reduction Group tal-Caritas, liema grupp jiltaqa filghaxija u l-imputat jattendi regolarment u dejjem izomm l-appuntamenti. Il-Qorti semghet lill-istess Karm Borg ighid illi fil-fatt l-imputat ghandu wkoll l-problema tal-alcohol u qieghed jattendi l-Alcoholics Anonymous sabiex isolvi l-problema illi ghandu u kif appena ikun hemm vacancy f'Dar l-Impenn l-imputat ser imur hemm hekk. Il-Qorti giet infurmata wkoll illi l-imputat bhalissa ghandu impieg temporanju mal-Film Industry u hemm it-tama illi jekk huwa itemm b'success il-programm f'Dar l-Impenn ikun jista jerga jinghata l-impieg illi kellu qabel mal-Gvern, liema impieg huwa sospiz u mhux terminat.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut u dana peress illi ghad hemm possibilita illi l-imputat jaqbad it-triq it-tajba li jidher illi diga qabad u isolvi l-problemi illi ghandu ta' dependenza fuq id-droga kif ukoll fuq l-alcohol. Hemm ukoll l-possibilita illi l-imputat jerga jaqbad l-impieg fis illi kellu qabel mal-Gvern.

Illi certament dan ser ikun ta' beneficcju kemm ghall-imputat kif ghas-socjeta' illi taghha huwa jifforma parti.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-**Artikolu 22 (8) tal-Kap. 101 kif ukoll l-Artikolu 9 u l-Artikolu 5 tal-Kap. 152** qeghda taghmel ordni ta' probation li permezz tieghu tordna lill-imputat fuq imsemmi sabiex ikun taht is-supervizzjoni u sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation M'Anne Zammit ghal perjodu ta' sentejn mil-lum u bil-patt u kundizzjoni li jibda u itemm b'success programm f'Dar l-Impenn.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bl-effett ta' din l-ordni ta' probation u illi jekk huwa jonqos mili joqghod ghall-ordnijiet u d-direzzjonijiet kollha illi taghtih l-Ufficjal tal-Probation M'Anne Zammit jew jekk ma joqghodx ghal din l-ordni tal-probation, kif ukoll jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu tal-ordni tal-probation, huwa jista jigi ikkundannat ghal dan ir-reat illi ikkommetta.

Il-Qorti tordna illi kopji ta' din l-ordni tal-probation jinghataw lill-Ufficjal tal-Probation, lill-hati, kif ukoll lill-persuna responsabbli minn Dar l-Impenn.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur